MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 35/2013

**Anthony Gauci**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi huwa qed jinterponi umli appell quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar Rizorsi in konnessjoni mac-cahda lilu fl-applikazzjoni biex huwa jinnotifika u jirregistra sors ta' ilma taht l-art li ghandu fl-arja msejha Ir-Ramel fl-Art lil hinn minn Burmarrad.*

*Illi dan l-appell qed isir peress li huwa jhossu aggravat minn din id-decizjoni u ghar-ragunijiet li ser jinghad hawn taht u ghax qed jallega nuqqas ta' ragonevolezza u nuqqas ta' proprozjonalita` 34(2)(d) fid-decizjoni mill-Awtorita` Dwar Rizorsi.*

*Illi huwa kien ipprezenta din l-applikazzjoni tardivament peress li meta kien ghamel applikazzjonijiet ohra, bi zvista kien halla din barra.*

*Illi jinghad bir-rispett li huwa 'full time farmer' u jinsab hekk registrat mal-awtoritajiet peress li ghandu hafna raba x'jahdem.*

*Illi din il-'borehole' fil-fatt tinsab f'art ta' madwar sebat itmiem u nofs u taqdi lill-esponenti biex jikkoltiva dan ir-raba.*

*Illi din il-'borehole' fil-fatt ilha hekk isservi lill-esponenti ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u bis-sahha ta' hekk dejjem ha prodott mir-raba ta' madwarha.*

*Illi l-esponenti ma jinnegozjax l-ilma mill-'borehole' u juzah biss ghat-tisqija tar-raba.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, waqt li jiskuza ruhu ghall-applikazzjoni tardiva tieghu, qed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jilqa' l-appell tieghu biex dan is-sors tal-ilma ta' taht l-art jinzamm minnu miftuh u jigi registrat fuq ismu skont il-ligi."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament ir-rikors tal-appell ma sarx skont ir-rekwiziti tal-ligi, jigifieri skont kif mehtieg mir-Regolament 10(1) tar-Regolamenti dwar il-Procedura tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li tassattivament u bla ebda deroga jipprovdi li appell fil-Bord tal-Appelli ghandu, skont l-Artikolu 34*

*tal-Att, isir permezz ta' rikors iffirmat mill-appellant jew l-agent tieghu u li f'dak ir-rikors ghandu jnizzel fih inter alia:*

*"(a) id-decizjoni jew id-direttiva tal-Awtorita` li tkun qieghda tigi appellata u li kopja taghha ghandha tigi annessa mar-rikors".*

*L-esponent umilment jissottometti lil dan l-Onorabbli Bord li l-appellant la nizzel id-decizjoni li qieghda tigi appellata u lanqas ma ghamel anness kopja tal-istess decizjoni mar-rikors tieghu.*

*Illi l-appellant vagament jitlob li l-Bord "jilqa' l-appell tieghu biex dan is-sors tal-ilma ta' taht l-art jinzamm minnu miftuh u jigi registrat fuq ismu skont il-ligi". Illi wkoll fil-fehma tal-Awtorita`, l-esponenti lanqas ma nizzel b'mod car fir-rikors tieghu dak li huwa qieghed jitlob lill-Bord jaghmel skont il-ligi li tipprovdi li rikors ta' appell ghandu jnizzel fih:*

*"(d) talba li d-decizjoni jew id-direttiva tal-Awtorita` ghandha tigi mhassra jew mibdula."*

*Illi l-Awtorita` ghaldaqstant titlob li tichad it-talbiet rikorrenti u li tillibera mill-osservanza lill-Awtorita` appellata.*

*Illi bla pregudizzju ghall-premess suespost l-appellant fl-applikazzjoni ghan-notifika tieghu ma ssodisfax dak li hu rikjest mil-ligi, ossija li fl-affidavit tieghu jinkludi r-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika (ara Dok AG – affidavit tas-Sur Anthony Gauci). Difatti l-ligi (ir-Regolamenti tal-2008 dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taht l-Art – S.L. 423.12 – Dok AB 1) fir-Regolament 3(1) taghha tiddisponi inter alia li:*

*"Izda aktar flimkien man-notifika, utent ta' sors tal-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissjunarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikati fl-affidavit ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit. jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit." (emfasi mizjuda).*

*Kif wiehed jista' jaghraf facilment, dan l-izball fil-procedura li ma jinghatawx ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika huwa nuqqas fatali ghall-*

*applikazzjoni in kwistjoni u li hija l-kawzali li ghaliha l-Awtorita` ma kellhiex ghajr mod iehor hlief li tichad l-applikazzjoni tas-Sur Gauci bil-konsegwenzi kollha tal-ligi.*

*Illi l-appellant fl-appell tieghu jghid ukoll li ghamel applikazzjoni tardiva "ghax meta ghamel applikazzjonijiet ohra, bi zvista kien halla din barra". Apparti l-fatt li din il-gustifikazzjoni ma nghatatx fl-affidavit tas-Sur Gauci kif mehtieg mil-ligi meta kien mehtieg, jigifieri fl-istadju tal-applikazzjoni, l-Awtorita` ma ssibx kredibbli l-iskuza moghtija meta fil-fatt l-appellant konxjament diga' innotifika boreholes fl-indirizzi segwenti, fis-sena 1997 f'Il-Wileg, St. Paul's Bay (MRA/BH/0281/97), u fis-sena 2008 f'Ta' Erba Mwiezeb, St. Paul's Bay (MRA/BH/0565/08).*

*Illi l-esponenti jghid li l-borehole in kwistjoni ilha sservih "ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena". L-Awtorita` ssib inkredibbli l-fatt li l-applikant mhux talli naqas li jinnotifika l-borehole in kwistjoni fiz-zmien provdut mil-ligi darba (ara dak li jipprovdi inter alia r-Regolament 3(1) li sors irid jigi "notifikat lill-Awtorita` minn kull utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art, sal-20 ta' Novembru 2008) izda* ***darbtejn*** *tenut kont tal-fatt li l-Iskema ta' Registrazzjoni tas-sorsi tal-ilma ta' taht l-art kienet miftuha precedentement ukoll fl-1997 (ara Dok AB2 – Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni tas-Sorsi tal-Ilma ta' Taht l-Art). L-Awtorita` ma thossx li hija kredibbli l-verzjoni issa offruta mill-appellant f'dan l-appell u iktar ittendi li tahseb li s-sors in kwistjoni thaffer b'mod mhux legittimu* ***wara*** *d-dati tal-gheluq tal-iskemi mneddija mil-ligijiet iktar qabel imsemmija.*

*Salv risposti ohra.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq sottomissjonijiet u provi dettaljati in sostenn tar-risposta taghha, l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli joghgbu ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw ulterjorment waqt is-smigh tal-appell, jirrifjuta t-talba tal-appellant u li jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` fil-konfront tal-appellant."*

Ra illi dawn il-proceduri gew assenjati quddiem dan it-Tribunal minn quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 184 tal-2012.[1]

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

[1] Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Gurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva (Rizorsi)

Ra x-xhieda tar-rikorrent moghtija fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2013 quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut;

Sema' x-xhieda ta' Antoine Riolo fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2013 u ta' Miriam Micallef Sultana fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2014;

Ra l-affidavit ta' Antoine Riolo ipprezentat fl-atti fis-17 ta' Frar 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009, mill-15 ta' Lulju 2009 l-Awtorita' Dwar ir-Rizorsi kienet bdiet *"taccetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

*Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità."*

Illi fit-23 ta' Frar 2011, ir-rikorrent ghamel applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art (*borehole*). Illi peress li din l-applikazzjoni kienet wahda tardiva u cioe ma saritx sal-20 ta' Novembru 2008 ir-rikorrent kellu wkoll jipprezenta affidavit sabiex jaghti raguni ghaliex ma kienx irregistra l-istess *borehole* sat-terminu indikat.

Illi permezz ta' decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011, l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali qies li ma kinux jezistu cirkostanzi specjali li huma gustifkati u xierqa sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu tardivament. Ghaldaqstant l-istess rikorrent intalab sabiex jaghlaq l-istess *borehole*.

Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni li kopja taghha tinsab esebita a fol. 27 tal-process u intavola l-appell odjern.

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi r-raguni il-ghala ma kienx irregistra l-*borehole* in kwistjoni sal-20 ta' Novembru 2008 **kien minhabba l-fatt li kien haseb li kien irregistraha flimkien ma' zewg (2) boreholes ohra li ghandu fi bnadi ohra.**

Illi x-xhud **Antoine Riolo** spjega li huwa kellu l-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi mis-sena 2001 sas-sena 2009. Jispjega wkoll li kien membru u Chairman tal-Kumitat konsultattiv dwar il-kunsiderazzjoni ta' cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa dwar notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taht l-art li ma kinux gew ipprezentati sal-20 ta' Novembru 2008 u dan skond ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taht l-Art (L.S. 423.12). Jispjega li l-legislatur ried li jigu kkunsidrati biss bhala accettabbli fil-kunsiderazzjonijiet tal-imsemmi Kumitat cirkostanzi spjecjali li jkunu gustifikati u xierqa u li kellhom ikunu suffragati b'kull prova u dokumentazzjoni ohra li tkun mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit tal-applikant. Jghid li dan il-process kien deroga specjali ghal dawk il-kazijiet genwini fejn ma kienx

possibbli li ssir in-notifika fiz-zmien stipulat bil-ligi. Jghid li fil-kaz in ezami, ic-cirkostanzi tar-rikorrenti ma setghux jigu kkunsidrati bhala ragunijiet u cirkostanzi specjali u xierqa li jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika skond il-Ligi.

Illi x-xhud **Miriam Micallef Sultana** spjegat li hija l-Kap tal-*Licensing Unit* fi hdan l-Awtorita` intimata. Spejgat illi barra t-terminu li kien jaghlaq f'Novembru 2008 kien hemm terminu iehor fl-1997 meta wiehed seta' jissottometti n-notifika ta' sors tal-ilma ta' taht l-art.

Illi ghalhekk jirrizulta li bhala fatti ftit hemm kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni principali hija jekk l-Awtorita` intimata imxietx tajjeb fil-konfront tar-rikorrent meta cahdet li l-gustifikazzjoni mressqa minnu kienet wahda li timmerita li huwa jinghata l-fakolta` li jirregistra s-sors li huwa kellu tardivament.

Illi t-Tribunal jinnota illi mal-applikazzjoni tar-rikorrent ghan-notifika tas-sors ta' ilma li tinsab esebita a fol. 61 et seq. tal-process, hemm anness affidavit tal-istess rikorrent li jghid is-segwenti:

*"Jien hawn taht iffirmat Anthony Gauci ID 127466 (M) li noqghod Chez Nous, 85, Triq il-Wied, Mosta niddikjara bil-gurament illi l-borehole ghall-ilma li hemm fl-ghalqa imsejjha "tar-Ramel" f'Burmarrad murija fil-pjanta tal-Perit Censu Galea imqabbla lil missieri Saviour Gauci ta' 44, Burmarrad Road, Burmarrad, pero nahdimhielu jiena, saret 'il fuq minn hmistax-il sena ilu."*

Illi ai termini tar-Regolament 2 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 (Regolamenti tal-2009 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taht l-Art); *"...flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikati fl-affidavit **ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien***

***tan-notifika***[2]*, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit."*

Illi dan it-Tribunal, wara li qara l-affidavit tar-rikorrent, ma jista' jirriskontra l-ebda cirkostanza specjali u xierqa mill-kontenut tal-istess affidavit. Kien biss fil-korp tal-appell, u kwindi wara d-decizjoni tal-Awtorita` intimata, li r-rikorrent sahaq li bi zvista ma kienx innotifika dan is-sors.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi r-rikorrent stess ammetta illi huwa kien irregistra zewg sorsi ohra pero din nesa jirregistraha jew kien minghalih li rregistraha. Illi t-Tribunal ma hux konvint minn din il-verzjoni li qed jaghti r-rikorrent. Illi jekk verament dan is-sors kien ilu li sar xi hmistax-il sena allura r-rikorrent kellu mill-inqas zewg okkazjonijiet meta seta' jirregistrah u cioe fl-1997 u fl-2008. In fatti, fix-xhieda tieghu jghid li z-zewg *boreholes* l-ohra irregistrahom xi hames jew sitt snin qabel, terminu li jikkoincidi mat-terminu ta' Novembru 2008.

Illi kwindi, abbazi tal-informazzjoni li l-Kumitat Konsultattiv kellu mill-applikazzjoni u mill-affidavit tar-rikorrent, id-decizjoni li ha l-istess Kumitat kienet wahda tajba u skond il-ligi.

Illi t-Tribunal iqis li l-koncessjoni li nghatat permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 204 tal-2009 kienet wahda specjali u fl-opinjoni tat-Tribunal il-fatt li wiehed nesa u ma rregistrax sors ta' ilma ta' taht l-art, jew inkella li haseb li rregistrah flimkien ma' ohrajn, mhix gustifikazzjoni xierqa biex jibbenefika mid-deroga tal-ligi. Li kieku kien hekk wiehed ikun qieghed jiftah il-bieb ghall-abbuz, haga li certament l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja riedet tevita li jsir.

Illi madankollu, kemm fil-korp tal-appell, kemm fix-xhieda tieghu u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata minnu, ir-rikorrent sahaq li l-gheluq tal-

[2] Enfasi tat-Tribunal

*borehole* de quo se jkun ta’ pregudizzju kbir ghalih stante li dan is-sors ta’ ilma huwa essenzjali biex ikompli x-xoghol tieghu ta’ bidwi. Ghal dan il-ghan huwa talab il-klemenza ta’ dan it-Tribunal.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent u jaghraf il-pregudizzju li jista’ jsofri. Madankollu l-istess Tribunal huwa marbut li jsegwi d-dettami tal-ligi, u anke jekk kaz ikun pjetuz kemm ikun pjetuz ma jistghax jagixxi kontra l-istess ligi. Kieku dan it-Tribunal kellu jimxi mod iehor jkun qed jipperikola serjament l-oggettivita ` li tiggwidah fid-decizjonijiet tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa’ r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------